**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**-Vs-**

**PIER (PIER PAUL) BUTTIGIEG**

**Illum, 29 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **PIER (PIER PAUL) BUTTIGIEG** bin David u Pauline xebba Dingli, imwieled Pieta' fit-13 ta'April 1974, residenti fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, numru tal-karta tal-identita` 195874M, tressaq quddiemha akkużat talli fit-12 ta' Settembru 2021, ghall-habta ta' nofsinhar u kwart (12:15hrs), gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, Paola;

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Brian Godfrey Bartolo, hekk kif ġie ċċertifikat minn Dr. Christopher Cremona numru ta' registrazzjoni 3961;

2. Ukoll talli ikkommetta reat waqt li kien priġunier, kif imfisser fl-Artikolu 2, tal-Att dwar il-Ħabs li jinkludi priġunier meqjus li hu miżmum f'ħabs skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 3(3) tal-istess Att, bi ksur ta' l-Artikolu 33A tal-Kodici Kriminal, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Aktar talli irrenda ruhu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u/jew 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' sentenzi moghtija fil-konfront tiegħek, mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti hija mitluba li f'kas ta' htija jigu applikati l-provedimenti ta' l-Artikoli 382A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Brian Godfrey Bartolo billi jigu applikati l-provedimenti ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija finalment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-3 ta' Novembru 2022 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

1. Fl-artikoli 214, 215, 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 33A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tad-9 ta' Novembru 2022 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat illi l-Prosekuzzjoni iddikjarat li qiegħda tistrieħ fuq il-provi proċesswali u mhux sejra tagħmel sottomissjonijiet in linea ta' trattazzjoni finali tal-każ;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mid-difiża fis-seduta tat-28 ta' Frar 2023, b'kopja tiġi mgħoddija lill-Prosekuzzjoni;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-akkużi li għandha quddiemha l-Qorti nibtu minn argoment bejn priġunieri ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin fejn l-imputat allegatament ta daqqa ta' ponn lil Brian Godfrey Bartolo, priġunier ieħor, u kkaġunalu ferita li kellha bżonn suturi.

**Provi**

**Brian Godfrey Bartolo** minnufih quddiem il-Qorti fl-ewwel appuntament għas-smigħ tal-kawża[1] ddikjara illi "*huwa jaħfer lill-imputat u peress li jaħdmu flimkien, huma ħbieb u qegħdin fl-istess Divizjoni ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, jixtieq jirrinunzja għal dak kollu li jista' jkun rinunzjabbli u dan għaliex huma solvew bejniethom id-diffikoltajiet li seta' kellhom dwar dan il-każ.*"[2]

Imbagħad fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti[3], Brian Godfrey Bartolo riafferma din id-dikjarazzjoni, iddikjara li din għadha tgħodd u żied jgħid li m'hemm ebda mibgħeda bejn u l-imputat. Spjega illi huwa jaħdem flimkien mal-imputat Pier

[1] 8 ta' Frar 2022.
[2] Ara verbal tas-seduta tat-8 ta' Frar 2022.
[3] 10 ta' Marzu 2022.

Buttigieg, bħala electricians ġewwa l-ħabs u kellhom argoment li huwa ddeskriva bħala frivolu, minħabba li ma bdewx jaqblu ma' xulxin u spiċċaw qamu għal xulxin u ġew fl-idejn. Inqalgħet kommossjoni u ġew priġunieri oħrajn iżommuhom iżda dan kollu seħħ fis-saħna tal-mument tant illi hu ma rax d-daqqa ġejja, ma rax l-id u lanqas jaf min fejn ġiet jew minn liema direzzjoni. Qal ukoll li kien hemm nies oħrajn bejnu u l-imputat meta hu qala' d-daqqa ta' ponn u insista illi d-daqqa qalagħha waqt li kienu qed iżommuh xi nies, filwaqt li eskluda speċifikatament illi kien diġa' qala' d-daqqa meta n-nies ġew iżommuhom.

Fix-xhieda tiegħu, Brian Godfrey Bartolo ikkonferma li l-verżjoni li kien ta lill-Pulizija dakinhar tal-argoment, fit-12 ta' Settembru 2021, fejn ġie rapportat:-

"*Sadanittant Bartolo stqarr li bdew jargomentaw u kien avża lil Buttigieg biex jieqaf. Bartolo kien qed jiekol ġewwa l-common areata' Division 18 u Buttigieg kien mar mal-mejda b'mod li jipprovoka lil Bartolo fejn Bartolo m'għamel ebda rejazzjoni. Buttigieg daħal ġewwa fiċ-ċella u reġa' ġie mal-mejda, Bartolo stqarr li x'ħin ra hekk, qam bil-wieqfa biex jiddefendi ruħu u mbuttajtu ftit biex inżomm id-distanza minn miegħu ... bdew iżommuhom in-nies, Pier irnexxielu jisgiċċa u ta daqqa ta' ponn ġo għajejn Bartolo.*"

Xehed ukoll illi meta ra li l-imputat kien ġie ħdejh huwa kien qam minn fejn kien għaliex basar li kien ser jiġri xi ħaġa u allura qam biex jiddefendi ruħu. Stqarr ukoll li kieku kellu ċ-ċans dak il-ħin, kien jagħti daqqa ta' ponn hu stess lill-imputat.

B'riżultat tad-daqqa ta' ponn li qala' f'dan l-argoment, huwa sofra ferita fuq għajnejh, preċiżament taħt is-suf t'għajnejh in-naħa tax-xellug fejn kellu bżonn xi punit iżda insista li l-ferita ma għadhiex tidher għaliex qiegħda mgħottija bix-xagħar. Huwa għaraf din il-ferita fir-ritratt formanti parti miċ-ċertifikat maħruġ minn Dr. Christopher Cremona[4].

[4] Ara paġna 7 tal-atti proċesswali.

L-imputat għażel li ma jixhidx quddiem il-Qorti u meta ġie interrogat fl-14 ta' Ottubru 2021, ukoll kien għażel li ma jwieġeb għal ebda mill-mistoqsijiet li sarulu in konnessjoni mal-argoment li kellu ma' Brian Godfrey Bartolo. Iżda meta kien ġie mitkellem mill-Pulizija dakinhar stess tal-argoment, fit-12 ta' Settembru 2021, u wara li ngħata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u rrifjuta dan id-dritt, qal lill-Pulizija li kien illetika ma' Brian Bartolo "*fuq ċuċata*" ġewwa Division 18 fejn huwa mar għalih darbtejn u laqtu b'daqqa ta' ponn[5].

Mhux kontestat[6] illi fiż-żmien tal-inċident li ta lok għal dawn l-akkużi, l-imputat kien priġunier ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u dan l-inċident seħħ tabilħaqq ġewwa l-ħabs.

Ikkunsidrat;

Id-difiża tisħaq, fis-sottomissjonijiet finali, li l-Prosekuzzjoni ma ġabitx prova tajba li tistabbilixxi li kien l-imputat li ta d-daqqa ta' ponn li kkaġuna l-feriti riskontrati fuq Brian Godfrey Bartolo.

Il-Qorti ma taqbilx. Filwaqt li hu ovvju li fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, Bartolo pprova jiżgiċċa milli jgħid li d-daqqa ta' ponn li qala' waqt l-argoment, qalagħha mingħand l-imputat u dan meta stqarr li kien hemm ħafna konfużjoni u nies iżommuhom u b'hekk ma jafx minn liema direzzjoni ġiet id-daqqa u ma rax li d-daqqa ġiet mingħand l-imputat, huwa fatt illi fl-aħħar mill-aħħar, konfrontat bil-verżjoni li kien irrilaxxa lil PS 67 Gary Di Stefano dakinhar stess tal-argoment, inqas minn sitt xhur qabel, ix-xhud ftakar kollox u partikolarment, ftakar li kien qam għall-imputat biex jiddefendi ruħu minnu u illi kien l-imputat li tah id-daqqa ta' ponn. Il-Qorti fehmet li l-parti offiża u l-imputat irranġaw id-differenzi kollha li kellhom u li dan kien argoment ta' darba u ma xtaqx jirravviva xi animożita' bejniethom iżda fl-istess

[5] Din il-verżjoni ttieħdet minn PS 67 Gary Saliba Di Stefano li kkonferma dan fix-xhieda tiegħu, 11 ta' April 2022.
[6] Ara eżenzjoni mogħtija mid-difiza, reġistrata fil-verbal tas-seduta tal-10 ta' Marzu 2022.

waqt tiddeplora dan it-tentattiv tax-xhud li ma jistqarxx minnufih u fl-ewwel opportunita', il-verita' kollha fix-xhieda tiegħu bil-ġurament.

F'kull każ, peress li Brian Godfrey Bartolo afferma quddiem il-Qorti li effettivament huwa kien stqarr mal-Pulizija dakinhar stess illi l-imputat kien irnexxielu jiżgiċċa lin-nies li kienu qed iżommuh u tah daqqa ta' ponn ġo għajnejh, il-Qorti ma għandha ebda dubju kwalsiasi li din id-daqqa ma tahielu ħadd ħlief l-imputat Pier Buttigieg.

Dan il-fatt huwa ulterjorment affermat bil-konfessjoni tal-imputat innifsu li meta ġie mitkellem mill-Pulizija dakinhar stess tal-argoment, fit-12 ta' Settembru 2021, u wara li ngħata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u rrifjuta dan id-dritt, qal lill-Pulizija li kien illetika ma' Brian Bartolo **fejn huwa mar għalih darbtejn u laqtu b'daqqa ta' ponn**[7].

Wara li rat il-provi li għandha quddiemha, senjatament ix-xhieda ta' Brian Godfrey Bartolo, liema xhieda ma ġiex kuntrastata bl-ebda mod, il-Qorti ma tirravviża fl-azzjonijiet tal-istess Brian Godfrey Bartolo l-ebda aggressjoni jew provokazzjoni fil-konfront tal-imputat. Għall-kuntrarju, kollox juri illi kien l-imputat li pprovoka lil Bartolo meta darbtejn mar ħdejh waqt li kien qed jiekol. Kemm hu hekk, kif anke stqarr l-istess Bartolo u riaffermat fix-xhieda tiegħu, huwa qam bil-wieqfa u imbotta lill-imputat biex jiddefendi ruħu mill-provokazzjoni tiegħu. Hawnhekk jidher li l-imputat sar aggressiv u minkejja li kien qed jinżamm minn xi priġunieri oħrajn, irenxxielu jiżgiċċa u ta daqqa ta' ponn lil Bartolo. Kollox jindika li l-imbottatura ta' Bartolo kienet ġustifikata fiċ-ċirkostanzi meta l-imputat, għat-tieni darba, resaq viċin ħafna tiegħu mingħajr xi ġustifikazzjoni li tirriżulta mill-provi u l-Qorti hi sodisfatta illi kien l-imputat bl-azzjonijiet tiegħu stess, fejn evidentement aġixxa b'mod li jistieden il-ġlied, li qanqal jew ipprovoka din ir-rejazzjoni mingħand Bartolo.

Dan kollu jfisser – għalkemm id-difiza ma sollevatax espressament l-iskużanti tal-provokazzjoni – li l-imputat ma jistax jinvoka għad-difiża tiegħu l-provokazzjoni,

[7] Din il-verżjoni ttieħdet minn PS 67 Gary Saliba Di Stefano li kkonferma dan fix-xhieda tiegħu, 11 ta' April 2022.

anke minħabba dak li jipprovdi l-paragrafu 229(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. F’kull każ, anke jekk jista’ jkun li kif ġie imbottat minn Bartolo, l-imputat qabdu saħna ta’ demm, il-Qorti xejn mhi konvinta illi r-rejazzjoni tiegħu – fejn minkejja li kien qed jinżamm min-numru ta’ persuni oħrajn, irnexxielu jiżgiċċa u jagħti daqqa ta’ ponn lil Bartolo - hija rejazzjoni li tista’ raġjonevolment titqies li titqanqal f’nies ta’ temperament ordinarju u li komunement iġġib l-effett li l-persuna ma tkunx kapaċi li tqis il-konsegwenzi tal-azzjonijiet tagħha.

Ikkunsidrat;

Stabbilit illi l-imputat ta daqqa ta’ ponn mhux provokat f’wiċċ Brian Godfrey Bartolo, fadal jiġi stabbilit jekk l-offiżi li ġarrab l-istess vittma kienux ħfief jew inkella gravi għall-finijiet tal-Artikolu 216 tal-Kap. 9, ċitat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju.

Dr. Chris Cremona, it-tabib li kien eżamina lil Brian Godfrey Bartolo ġewwa l-ġabs stess ftit tal-ħin wara li weġġa’ fit-12 ta’ Settembru 2021, xehed illi l-ġrieħi li kellu Bartolo kienu kompatibbli ma’ blunt trauma għaliex kellu laċerazzjoni “farrett żgħir” ta’ ċirka 4 ċentimetri ftit ‘il fuq mill-eyebrow tiegħu, liema ferita kellha bżonn tliet punti żgħar. Xehed ukoll li l-pazzjent lmenta wkoll bi ftit skumdita’ fi spalltu li jisa’ jkun riżultat ukoll ta’ blunt injury, bħal daqqa ta’ ponn. Ikkonferma iżda illi l-feriti li rriskontra fuq Brian Godfrey Bartolo kienu fiequ mingħajr problemi u ma kkaġunawx mankament disfigurement u lanqas ħallew ebda marka.

Dr. Mario Scerri, l-espert medikolegali maħtur mill-Qorti biex jeżamina lil Brian Godfrey Bartolo u jirrelata dwar in-natura u l-permanenza tal-offiżi li ġarrab fl-inċident tat-12 ta’ Settembru 2021, xehed illi huwa riskontra leżjoni ħafifa fuq is-supraorbital bridge tal-għajn ix-xellugija, konsistenti f’ċikkatriċi żgħira u rqiqa kompatibbli ma’ laċerazzjoni magħmula minn strument li ma jaqtax u bla ponta. Ikkonferma li din iċ-ċikkatriċi ma tidhirx “*from within talking distance*” u fir-relazzjoni tiegħu iddeskriviha bħala “insinjifikanti”.

Il-Qorti tqis illi mid-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 216 tal-Kap. 9, huma biss id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 216(1) tal-Kap. 9 li jista' jsib riskontru fil-fattispeċje tal-każ in diżamin.  Dan jipprovdi li l-offiża fuq il-persuna hija gravi:-

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

In kwantu għal "mankament" fil-wiċċ, fl-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż, jinsab ritenut illi dan, b'mod ġenerali, jiġi riskontrat meta jkun hemm deterjorament tal-aspett tal-wiċċ, l-għonq jew f'waħda mill-idejn[8].  L-isfreġju mbagħad, diversament minn mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fir-regolarita' u fl-armonija tal-lineamenti ta' dawn il-partijiet tal-ġisem tal-parti offiża.  Skont l-insenjament paċifiku in materja, biex l-offiża titqies bħala sfreġju, din trid tkun viżibbli "*minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin*"[9] iżda mhux rikjest li din il-ħsara tibqa' hekk viżibbli għal xi żmien stabbilit.  Kollox jiddependi mill-entita` tal-ħsara: mhux importanti x'tissejjaħ il-ħsara f'termini mediċi jew popolari ghaliex dak li hu importanti hu l-entita' tal-ħsara li tkun ġiet imġarrba.

Ġie ritenut ukoll:-

"*Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza tħalli mankament jew sfregju, f'dan il-kaz mankament, fuq l-idejn jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward. ... il-liġi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-*

---

[8] Ara **Il-Pulizija v. Paul Spagnol**, Appell Kriminali deċiż 12 ta' Settembru 1996.
[9] **Il-Pulizija vs Emily Zarb** Appell Kriminali, deciz 15.2.58, Kollezz. XLII.iv.1245, 1248.

*isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali.*"[10]

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**, deċiża fit-2 ta' Settembru 1999:-

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

Illi iktar minn hekk, huwa stabbilit li l-Qorti tista' tasal għal konklużjoni differenti minn dik tat-tobba. Dan il-prinċipju ġie affermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[11] fejn intqal illi:-

*"... **għall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant** ... u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti.* [emfasi ta' din il-Qorti]

Hu minnu li ż-żewġ tobba li eżaminaw lil Brian Godfrey Bartolo affermaw illi l-ferita fuq għajnejh ix-xellugija fieqet mingħajr problemi, ma kkaġunatx mankament u lanqas ħalliet ebda marka, filwaqt li huwa wkoll ippruvat illi ftit iktar minn sena wara l-inċident, din il-ferita ma baqgħetx viżibbli "*from within talking distance*". Iżda fl-

[10] Appell Kriminali : **Il-Pulizija v. Luke Sciberras**, deċiż 28 ta' Mejju 2018.
[11] Deċiża fit-12 ta' Settembru 1996.

istess waqt, huwa ppruvat ukoll illi l-laċerazzjoni, li tidher sew fir-ritratti[12] formanti parti mir-rapport ta’ Dr. Chris Cremona li eżamina lill-vittma ftit tal-ħin wara l-inċident, ikkaġunat xejn inqas minn sfreġju f’wiċċ l-istess vittma, sfreġju li kienet tassew viżibbli, anke jekk għal ftit ġranet jew ġimgħat sakemm fieqet. Fuq l-istregwa tal-insenjament in materja, appena ċitata, il-Qorti ma tistax tikkondividi l-fehma tal-espert mediko-legali li l-offiża hija ta’ natura ħafifa: filwaqt li din tista’ titqies illum bħala waħda ħafifa, il-provi juru li din l-offiża kienet tikkonsisti f’laċerazzjoni li fiż-żmien meta ġiet inflitta, kienet konsistenti mad-definizzjoin ta’ sfreġju fil-wiċċ għall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9. Il-fatt li iktar minn sena wara dan l-isfreġju ma baqax iktar viżibbli minn distanza normali jista’ jkun relevanti biss għall-fini tal-piena.

Għaldaqstant l-imputat sejjer jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni, ċioe’ li kkaġuna offiża ta’ natura gravi fuq Brian Godfrey Bartolo a tenur tal-Artiklu 216(1)(b) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie mixli wkoll li huwa kkometta dan ir-reat waqt li kien priġunier, skont kif maħsub fl-Artikolu 33A tal-Kap. 9. Dan jipprovdi:-

(1) *Meta jsir xi reat minn persuna waqt li tkun priġunier, il-piena għal dak ir-reat fil-każ ta’ sejbien ta’ ħtija għandha tiżdied bi grad jew tnejn u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A u tal-Att dwar il-Probation ma għandhomx japplikaw.*
(2) *Għall-għanijiet ta’ dan l-artikolu "priġunier" għandha l-istess tifsira li ngħatatilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Ħabs u tinkludi priġunier meqjus li hu miżmum f’ħabs skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3(3) tal-istess Att.*

[12] Fix-xhieda tiegħu, Brian Godfrey Bartolo kkonferma illi r-ritratti li jinsab f’paġna 7 tal-atti juru l-ferita li ġarrab b’riżultat tal-argoment.

Kif rajna, id-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq il-prova meħtieġa biex jintwera li meta kkommetta l-isfreġju fuq Brian Godfrey Bartolo fit-12 ta' Settembru 2021, l-imputat kien priġunier fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Għaldaqstant, il-ħtiġiet tal-Artikolu 33A(1) tal-Kap. 9 huma sodisfatti, kif del resto jirriżulta mill-provi u x-xhieda fl-atti proċesswali, u konsegwentement l-imputat għandu jinstab ħati wkoll ta' dan l-addebitu li jsarraf f'żieda mandatorja fil-piena ta' mill-inqas grad wieħed.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat huwa mixli wkoll bl-addebitu tar-riċediva. Fir-rigward, ġiet esebita bil-ġurament tal-Uffiċjal Prosekutur, kopja legali ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Settembru 2021, fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Pierre Buttigieg**[13] li kkonfermat *in toto* sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 ta' Ġunju 2019 li kienet ikkundannat lill-imputat f'dawk il-proċeduri, ċertu Pierre Buttigieg li għandu l-istess numru tal-karta tal-identita' tal-imputat odjern, 195874M, għal piena ta' sittax-il xahar priġunerija.

Madankollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi fiż-żmien meta ġie kommess ir-reat li dwaru l-imputat odjern qed jinstab ħati, ċioe' fit-12 ta' Settembru 2021, huwa ma kienx għadu ġie kkundannat definittivament fil-proċeduri fuq imsemmija. L-argoment bejn l-imputat u Brian Godfrey Bartolo, li fih l-istess Brian Godfrey Bartolo ġarrab offiża gravi, seħħ qabel il-kundanna definittiva mill-Qorti tal-Appell Kriminali u għalhekk, l-imputat ma jistax jitqies li huwa kkommetta dan ir-reat wara li ġie kkundannat għar-reat bis-sentenza tal-21 ta' Settembru 2021.

Huwa minnu li minn ħarsa ħafifa lejn il-fedina penali tal-imputat, jirriżulta minnufih li huwa ġie diversi drabi kkundannat fil-passat b'sentenzi tal-qrati, għal reati kriminali, iżda ħlief għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-21 ta' Settembru 2021, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma pproduċietx kopji legali ta' dawn is-sentenzi jew xi waħda minnhom, fl-atti proċesswali. Huwa assodat fil-ġurisprudenza in materja illi l-fedina

[13] Dok. SZX, paġna 52 *et seq.* tal-atti.

penali mhijiex l-aħjar prova tal-addebitu tar-reċidiva: l-aħjar prova tikkonsisti f'kopji debitament awtentikati ta' sentenzi li fuqhom tinsab imsejsa dan l-addebitu iżda fil-każ in diżamina, hija nieqsa l-prova li qatt kien hemm xi ġudizzju preċedenti li kkundanna lill-imputat għall-kommissjoni ta' reat kriminali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

Għaldaqstant il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva taħt id-dispożizzjonijiet legali indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju għaliex dan ma ġiex sodisfaċjentement ippruvat.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-vittma ħafer lill-imputat u ddikjara li qed jirrinunzja għall-azzjoni kriminali għalkemm l-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti m'hijiex waħda li l-parti offiża tista' tirrinunzja għaliha jew titlob il-waqfien tal-proċeduri relattivi. Iżda l-Qorti fehmet illi bħala fatt, il-partijiet irrikonċiljaw il-ħbiberija tagħhom u llum għandhom relazzjoni tajba; qieset ukoll il-fatt li dan kien argoment ta' darba li sfortunatament, eskala u żvolġa f'aggressjoni fiżika minkejja li nibet minn diżgwid dwar affarijiet ta' importanza minuri. Ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt illi filwaqt li l-imputat qed jinstab ħati

ta' reat li huwa gravi, l-isfreġju li ġarrab Brian Godfrey Bartolo fieq b'mod li llum huwa insinjifikanti u ma għadux jidher minn dik id-distanza li solitament tinżamm bejn persuni meta jkun qed jitkellmu.

Għalkemm f'każ ta' dikjarazzjoni ta' ħtija għal reat li jkun ġie kommess f'ċirkostanzi konsimili għal dawn appena kkunsidrati, il-Qorti setgħet tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 jew addirittura timponi sanzjoni fil-komunita', l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 għall-fattispeċje ta' dan il-każ tfisser li l-Qorti mhux biss hija prekluża milli tapplika l-imsemmija sanzjonijiet fuq sejbien ta' ħtija, iżda hi marbuta żżid il-piena talanqas bi grad wieħed. Madankollu, fil-qies tal-konsiderazzjonijiet kollha magħmula, il-Qorti sejra tapplika piena li toqrob lejn il-minimum, dejjem pero' fil-parametri stabbiliti mill-Artikolu 33A u 216(1)(b) tal-Kap. 9.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċediva, wara li rat l-Artikoli 31, 33A, 215, 216 u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil PIER (PIER PAUL) BUTTIGIEG ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u tikkundannah tmintax (18)-il xahar priġunerija effettiva.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu, biex iżomm il-paċi ma' Brian Godfrey Bartolo u dan taħt penali ta' elf Euro (€1,000), għal żmien tnax (12)-il xahar mil-lum.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**